U xxerred il-ħniena u tagħti
Id-dawl lill-bnedmin.
Għax meta l-ħaddiema
Jitolbu l-mistrieħ,
Id-dlam jibda jaqa'
Mixtieq u sabiħ,

U kollox jinħeba
W jindifen fix-xejn;
U l-ħajja tinġabar
Fil-misterju tal-lejl.

ĠUŻÈ CHETCUTI.

## GĦALIEX ?

Għaliex in-nhar u l-lejla qatt ma ltaqgħu
Għalkemm jiġru kulljum wara xulxin,
U wieħed jidħol sewwa sew xħin l-oħra
Tkun qiegħda tħalli d-dinja tal-bnedmin?

Għaliex ix-xemx u l-qamar qatt ma tbewsu
Għalkemm iħarsu dejjem lejn xulxin,
U waħda tilma sewwa sew xħin l-ieħor
Ikun ħalla fid-dalma lill-bnedmin?

U l-għala jien u int bqajna mifruda
Għalkemm ħabbejna bosta lil xulxin,
U bejni u bejnek hemm bħal ħondoq wiesa'
Li ħaffru għala dejjem il-bnedmin?

ĠORĠ PISANI

# Għaliex Inħobb l-Ilsien Malti?

Nistħajjel lil xi ħadd jistaqsini: "Għaliex inti wkoll tħobb l-ilsien Malti?" It-tweġiba tiegħi hi l-iktar waħda ħafifa: Jiena nħobb l-ilsien Malti ghax hu lsieni. Li kieku ma nħobbux ma jkunx jistħoqqli nirfes fuq art twelidi, għax bħalma kiteb il-"De Amicis': "Min imaqdar ilsienu huwa għadu ta' pajjiżu". Inħobbu mela għax jiena wild dawn il-gżejjer imbierka, imqegħdin mn'Alla n-nifsu f'nofs baħar tan-nir, imsaħħnin bix-xemx, imfawrin bil-ħdura u b'kull ġmiel. Inħobbu, għax dan l-ilsien ħariġli minn fommi ma' l-ewwel tnehida u bih tlabt għar-rkubbtejja għall-ewwel darba quddiem ix-xbiha ta' Ġesù Msallab. Inħobbu, għax bih nifhem u nfiehem aħjar lil dawk li jiena ngħal-lem; inħobbu, għax bih naqra fil-qlub imfawrin bis-sogħba u bl-imħabba u nwieġeb fis-skiet tal-Kunfessjonarju għal mistoqsijiet li jsaħħru. Inħobbu l-ilsien Malti, għax meta naqrah miktub u mirqum tajjeb, inħossu ħelu daqs il-għasel tas-sagħtar ta' l-aħrax tal-Mellieħa.

Inħobbu mela mhux għal xi pulitka bla togħma, imma għax ifakkarni f'Ġesù ta' Nazareth li, meta, b'xuxtu twila żbul id-deheb, mitfugħa tperper maż-żiffa fuq spallejh għoljin, flimkien ma' sħabu, kien igħaddi mit-triqat tal-Galilija u tal-Lhudija, kien igħallem, ifarraġ, ifejjaq, jirxoxta l-mejtin bi lsien li jixbah lil tagħna. "Talida qumi" u "Effetah" huma xhieda li tibqa' maħżuża b'ittri tad-deheb fl-aqwa ktieb li qatt sata' jinkiteb—il-Vanġelu—, xhieda li tiswa daqs daqqa ta' sejf li jaqta' minn żewġ naħiet f'qalb dawk kollha li jiddieħku bina meta ngħidu kliem bħal dan. Inħobbu l-Malti, għax hu dak il-lsien li San Pawl sata' jifhem meta l-Maltin laqgħuh fuq ir-rdumijiet tal-Mistra u daru bih u bi sħabu miegħu li ħelsu mill-għarqa bejn il-gżejjer ta' Selmun u Selmunett, u li bih huma, il-Maltin, setgħu jifhmu 'l dak Missierna meta għar-rafhom bil-bxara t-tajba, bit-twemmin ġdid nisrani u huma talbu dlonk il-Magħmudija.

Inħobbu wkoll mela għall-qedem tiegħu, għax l-istorja ma taf tgħidilna xejn fuq in-nisel tiegħu u lanqas ma taf

UNIVERSITY OF MALTA